

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B****REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 754/2009**

tas-27 ta' Lulju 2009

li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008

(ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010 tal-14 ta' Jannar 2010	L 21	1	26.1.2010
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 712/2010 tas-26 ta' Lulju 2010	L 209	1	10.8.2010
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011	L 24	1	27.1.2011
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011	L 287	13	4.11.2011
► <u>M5</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2012 tas-17 ta' Jannar 2012	L 25	1	27.1.2012
► <u>M6</u>	emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2012 tal-24 ta' Lulju 2012	L 203	1	31.7.2012



REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 754/2009

tas-27 ta' Lulju 2009

li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 jistabbilixxi reġim tal-isforz tas-sajd fejn l-opportunitajiet ta' sajd f'termini ta' sforz tas-sajd jingħataw lill-Istati Membri fuq bażi annwali. Skont l-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz dment li tkun disponibbli daqta xierqa dwar qabdiet u rimi ta' merluzz tal-bastimenti involuti, li l-persentaġġ ta' qabdiet ta' merluzz ma jeċċedix 1,5 % tal-qabdiet totali għal kull grupp ta' bastimenti u li l-inklużjoni tal-grupp fir-reġim tal-isforz ikun jikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali fuq l-istokkijiet ta' merluzz.
- (2) L-Iżvezja pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet tal-merluzz minn grupp ta' bastiment tas-sajd fis-Skagerrak u l-Kattegat għall-awwista tan-Norveġja bi gradilja selettiva ta' tqassim kif definita fl-Appendiċi 2 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009⁽²⁾. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, kif valutata mill-STECF, jista' jkun stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż ir-rimi, ta' dak il-grupp ta' bastimenti matul il-perjodu fejn huma jużaw dak l-irkaptu selettiv tas-sajd, ma jeċċedix il-1,5 % tal-qabdiet totali ta' dak il-grupp ta' bastimenti matul l-istess perjodu. Barra minn dan, b'kunsiderazzjoni lejn il-programm ta' kontroll Żvediż għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak u Kattegat u b'kunsiderazzjoni lejn il-fatt li l-inklużjoni ta' dak il-grupp isarraf f'piż amministrattiv sproporzjonat mal-impatt ġenerali fuq l-istokkijiet tal-merluzz, huwa xieraq li dak il-grupp ta' bastimenti jkun eskluż, għall-perjodu

⁽¹⁾ ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid (ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1).

▼B

meta huma jużaw l-irkaptu in kwistjoni biss, mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

- (3) Spanja pprovdiet informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn grupp ta' bastiment bit-tkarkir tal-qiegħ fil-Punent tal-Iskozja, l-aktar għall-marlozz. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, kif valutata mill-STEFC, jista' jkun stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż irrimi, ta' dak il-grupp ta' bastimenti, ma jeċċedix il-1,5 % tal-qabdiet totali ta' dak il-grupp ta' bastimenti matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, b'kunsiderazzjoni lejn il-miżuri attwali li jiżguraw il-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ta' dak il-grupp ta' bastimenti u b'kunsiderazzjoni lejn il-fatt li l-inklużjoni ta' dak il-grupp isarraf f'piż amministrattiv sproporzjonat mal-impatt ġenerali fuq l-istokkijiet tal-merluzz, huwa xieraq li dak il-grupp ta' bastimenti jkun eskluż mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fill-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.
- (4) B'kunsiderazzjoni lejn il-fatt li l-Istati Membri qed jimmaniġjaw l-isforz u l-konformità mal-limitazzjonijiet tal-isforz fuq il-bażi tal-istaġun tas-sajd li huwa bejn l-1 ta' Frar 2009 u l-31 ta' Jannar 2010 u b'kunsiderazzjoni lejn il-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ġie adottat ftit biss qabel il-bidu ta' dak l-istaġun, huwa xieraq li dawn l-eżenzjonijiet ikunu applikabbli għall-istaġun tas-sajd kollu u għalhekk, li huma jibdwu japplikaw mill-1 ta' Frar 2009,
- (5) Sabiex tiġi żgurata ċertezza għas-sajjieda kkonċernati u sabiex dawn ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għall-istaġun attwali tas-sajd, malajr kemm jista' jkun, hija importanti ħafna li tingħata eċċezzjoni għall-perijodu ta' sitt xhur imsemmi fil-Kapitolu I, Artikolu 3, tal-Protokoll dwar l-irwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Esklużjoni mir-reġim tal-isforz skont ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008

Il-gruppi ta' bastimenti li ġejjin għandhom ikunu esklużi mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008:

- (a) il-grupp ta' bastiment bil-bandiera tal-Iżvezja, parteċipanti fis-sajd indikat fit-talba tal-Iżvezja tas-26 ta' Frar 2009 kif kompletata mill-ittra li ġġib id-data tat-8 ta' April 2009, li jistadu fi Skagerrak u l-Kattegat matul il-perjodu li fih dawn il-bastimenti jistadu biss bi gradilja selettiva kif definita fl-Appendiċi 2 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009 għall-awwista tan-Norveġja;
- (b) il-grupp ta' bastiment li jtajru l-bandiera ta' Spanja, parteċipanti fis-sajd indikat fit-talba ta' Spanja tat-2 ta' Diċembru 2008 kif kompletata minn ittri li jġibu d-dati tas-6 u l-14 ta' Marzu 2009, li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'malji ta' 100 mm jew akbar fuq il-blata inklinata 'l barra mill-Punent tal-Iskozja f'fond ta' bejn 200 u 1 000 metru u li jistadu prinċipalment għall-ispeċijiet tal-baħar fond u għall-merluzz;

▼ M1

- (c) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, li jipparte-
cipaw fis-sajd indikat fit-talba mir-Renju Unit bid-data tat-
18 ta' Ġunju 2009, li jimmiraw għall-Awwista Norveġiża u li
jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni bid-daqs tal-malja ta'
70 mm jew akbar u inqas minn 100mm fil-Punent tal-Iskozja, b'mod
partikolari fil-Minch (rettangoli statistiċi 42 E3, 42 E4, 43 E3, 43
E4, 44 E3, 44 E4, 45 E3 tal-ICES);
- (d) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, li jipparte-
cipaw fis-sajd indikat fit-talba mir-Renju Unit bid-data tat-
18 ta' Ġunju 2009, li jimmiraw għall-Awwista Norveġiża u li
jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni bid-daqs tal-malja ta'
70 mm jew akbar u inqas minn 100mm fil-Punent tal-Iskozja, b'mod
partikolari fil-Firth of Clyde (rettangoli statistiċi 39 E5 u 40 tal-
ICES);
- (e) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Polonja, li jipparte-
cipaw fis-sajd indikat fit-talba mill-Polonja bid-data tal-24 ta' April
2009 kif kompletata bil-korrispondenza bid-data tal-11 ta' Lulju
2009, li jimmiraw il-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-
qiegħ bid-daqs tal-malja daqs jew akbar minn 100 mm fil-Baħar
tat-Tramuntana u l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-ICES IIa b'kopertura
ta' osservazzjoni fuq bażi permanenti;

▼ M4▼ M2

- (g) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda, parteċipanti fis-
sajd indikat fit-talba tal-Irlanda tas-26 ta' Marzu 2010, li jistadu fil-
Baħar Irlandiż matul il-perijodu li fih dawn il-bastimenti jistadu biss
għall-Ksampu bi gradilja selettiva simili għal dik definita fl-Appen-
diċi 2 għall-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009;

▼ M3▼ M4

- (h) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda, u li jipparte-
cipaw fis-sajd indikat fit-talba mill-Irlanda bid-data 11 ta' Marzu
2011, u li joperaw fil-punent tal-Iskozja u li jużaw xbieki tat-tkarkir
tal-qiegħ b'daqs tal-malja ugwali għal 120 mm jew akbar b'pannelli
ta' malja kwadra fiż-żona msemija fil-punt 6.1 tal-Anness III għar-
Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jużaw malja ta' daqs ta' 100 mm
fi bnadi oħra fil-punent tal-Iskozja;

▼ M5▼ M6

- (i) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit identifikati
fit-talba mir-Renju Unit bid-data tas-16 ta' Marzu 2012, li jipparte-
cipaw f'sajd li jimmira l-imriewaħ (*Aequipecten opercularis*) fil-
Baħar Irlandiż (iż-żona VIIa tal-ICES) madwar l-Isle of Man, li
jużaw tagħmir speċjalizzat ta' xbieki tat-tkarkir b'malja ta' 80-
100 mm attrezzati biex jagħżlu l-qbid ta' ħut (lett 2 piedi baxx,
brilji qosra jew mingħajr brilji u ftuħ tax-xibka żgħir).



Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.